# L-Istħarriġ dwar il-Postijiet tax-Xogħol Vakanti (JVS): K2/2026



## Punti Prinċipali

- Fit-tieni kwart tal-2026, kien hemm b'kollox 9,619-il post tax-xogħol vakant, żieda ta' 0.1 fil-mija fuq l-istess perjodu tas-sena ta' qabel.
- L-oqsma tal-kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut, it-trasport u l-ħażna, l-akkomodazzjoni u l-attivitajiet tas-servizz tal-ikel flimkien mal-attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi, u l-attivitajiet ta' amministrazzjoni u ta' servizz ta' appoġġ ħalqu aktar minn nofs il-postijiet tax-xogħol vakanti fit-tieni kwart tal-2026.
- L-intrapriżi ż-żgħar li jħaddmu minn 1 sa 49 impjegat kellhom 60.4 fil-mija tal-postijiet vakanti, filwaqt li s-sehem ta' postijiet vakanti maħluqin minn kumpaniji b'250 impjegat jew aktar laħaq 13.8 fil-mija.
- Is-settur privat iddomina s-suq tal-postijiet tax-xogħol vakanti u rrappreżenta 96.0 fil-mija minnhom, filwaqt li s-settur pubbliku kellu sehem ta' 4.0 fil-mija.

## Kummentarju

**Is-sistema ta' klassifikazzjoni tan-NACE, il-Klassifikazzjoni tal-Attivitajiet Ekonomiċi fl-Unjoni Ewropea, ġiet aġġornata għan-NACE Rev. 2.1. Iżjed tagħrif dwar dan it-tiġdid jinsab fl-Avviż ta' Tagħrif għall-Istampa maħruġ fit-28 ta' April 2026. Ara wkoll nota nru 6 fil-Metodoloġija.**

*Fit-tieni kwart tal-2026, l-għadd ta' postijiet tax-xogħol vakanti kien ta' 9,619, żieda ta' 0.1 fil-mija fuq l-istess perjodu tal-2025.*

Din l-istqarrija tal-aħbarijiet tippreżenta r-riżultati tal-Istħarriġ dwar il-Postijiet tax-Xogħol Vakanti (JVS). Ta' kull tliet xhur dan l-istħarriġ jistima l-għadd ta' postijiet tax-xogħol, kemm vakanti kif ukoll mimlijin, biex jingħata għarfien dwar id-domanda għax-xogħol.

**Postijiet tax-xogħol vakanti**

Fit-tieni kwart tal-2026, kien hemm b'kollox 9,619-il post vakant f'intrapriżi li jħaddmu impjegat wieħed jew aktar. Dan l-ammont fisser żieda ta' 0.1 fil-mija fuq l-istess perjodu tas-sena ta' qabel (Ċart nru 1, Tabella nru 1).

**Ċart nru 1. L-għadd ta' postijiet tax-xogħol vakanti u mimlijin**




L-oqsma tal-kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut, tat-trasport u l-ħażna, tal-attivitajiet ta' servizz tal-akkomodazzjoni u tal-ikel, tal-attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi, u tal-attivitajiet ta' amministrazzjoni u ta' servizz ta' appoġġ ħalqu aktar minn nofs il-postijiet vakanti kollha fit-tieni kwart tal-2026 mill-intrapriżi fil-mira. Min-naħa l-oħra, il-qasam tal-attivitajiet tal-proprjetà immobbli rreġistra l-inqas għadd ta' postijiet tax-xogħol vakanti, li kien fil-livell ta' 2.2 fil-mija tal-għadd kollu tas-sejħiet għall-applikazzjoni fl-istess żmien (Ċart nru 2, Tabella nru 1).

Meta mqabbel mal-istess żmien fl-2025, l-akbar żieda fl-għadd ta' postijiet vakanti kienet irreġistrata fl-oqsma tal-kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut, tat-trasport u l-ħażna, u tal-akkomodazzjoni u l-attivitajiet tas-servizz tal-ikel. F'dawn l-oqsma, il-postijiet tax-xogħol vakanti telgħu b'571, biex laħqu b'kollox 3,236 vakanza. Wara dawn, kien hemm is-settur tal-kostruzzjoni, li rreġistra żieda ta' 342 post vakant. Bil-maqlub ta' dawn, l-oqsma tal-attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi, u tal-attivitajiet ta' amministrazzjoni u ta' servizz ta' appoġġ ġarrbu l-akbar tnaqqis meta mqabblin mal-istess żmien tal-2025, bi tnaqqis ta' 541 vakanza (Tabella nru 1).

**Ċart nru 2. Il-postijiet tax-xogħol vakanti bl-attività ekonomika tal-intrapriża**




It-tqassim tal-postijiet tax-xogħol vakanti bid-daqs tal-intrapriża juri relazzjoni negattiva bejn id-daqs tal-intrapriża u l-livell ta' postijiet tax-xogħol vakanti. L-intrapriżi ż-żgħar (1-49 impjegat) kellhom 60.4 fil-mija tal-postijiet vakanti fit-tieni kwart tal-2026, filwaqt li l-kumpaniji kbar b'250 impjegat jew aktar ikkontribwew 13.8 fil-mija għas-sehem kollu ta' postijiet vakanti (Ċart nru 3, Tabella nru 2).

**Ċart nru 3. Il-postijiet tax-xogħol vakanti bil-klassi tad-daqs tal-intrapriża**




Fis-settur privat, l-għadd ta' postijiet tax-xogħol vakanti żdied bi 329 bejn it-tieni kwart tal-2025 u t-tieni kwart tal-2026, u kien jgħodd b'kollox 9,239. Is-settur pubbliku rreġistra 380 post tax-xogħol vakanti matul l-istess perjodu (Tabella nru 3). Kif turi Ċart nru 4, is-settur privat baqa' jiddomina fis-suq tal-postijiet tax-xogħol vakanti u kellu 96.0 fil-mija tal-postijiet tax-xogħol vakanti kollha, filwaqt li s-settur pubbliku rrappreżenta l-4.0 fil-mija li jifdal (Ċart nru 4).

**Ċart nru 4. Il-postijiet tax-xogħol vakanti bis-settur ekonomiku**




**Postijiet tax-xogħol mimlijin**

Matul it-tieni kwart tal-2026, l-għadd kollu ta' postijiet tax-xogħol mimlijin fi ħdan l-intrapriżi li jħaddmu mill-inqas impjegat wieħed kien ta' 298,303 (Ċart nru 1, Tabella nru 4). Aktar minn nofs dawn il-postijiet kienu rreġistrati fl-oqsma tal-kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut, tat-trasport u l-ħażna, u tal-akkomodazzjoni u l-attivitajiet tas-servizz tal-ikel, u tal-amministrazzjoni pubblika, id-difiża, l-edukazzjoni, is-saħħa tal-bniedem u l-ħidma soċjali. Fi żmien sena, is-settur tal-amministrazzjoni pubblika, id-difiża, l-edukazzjoni, is-saħħa tal-bniedem u l-ħidma soċjali flimkien mas-settur tal-arti, id-divertiment u r-rikreazzjoni; attivitajiet oħra ta' servizz rreġistraw tkabbir ta' 12.3 fil-mija u 6.6 fil-mija, rispettivament (Tabella nru 4). Fit-tieni kwart tal-2026, 39.4 fil-mija tal-postijiet tax-xogħol mimlijin kienu stmati li qegħdin f'intrapriżi li jħaddmu 250 impjegat jew aktar. Intrapriżi li kellhom magħhom bejn 50 u 249 impjegat kienu jgħoddu aktar minn wieħed minn kull erbgħa tal-postijiet mimlijin (Tabelli nru 5).

Il-postijiet tax-xogħol mimlijin fis-settur privat laħqu l-238,531, jiġifieri 80.0 fil-mija tal-impjiegi kollha. Is-settur pubbliku, min-naħa l-oħra, kellu 59,772 jew 20.0 fil-mija tal-impjiegi (Tabella nru 6).

**Rata ta' postijiet tax-xogħol vakanti**

Fit-tieni kwart tal-2026, ir-rata ta' postijiet tax-xogħol vakanti f'Malta kienet ta' 3.1 fil-mija. B'hekk, naqset b'0.2 punti perċentwali kemm meta mqabbla mat-tliet xhur ta' qabel u kemm meta mqabbla mal-istess perjodu tal-2025 (Ċart nru 5 u Tabella nru 7). Fost l-attivitajiet ekonomiċi, il-kostruzzjoni rreġistrat l-ogħla rata ta' postijiet tax-xogħol vakanti (6.2 fil-mija), filwaqt li l-qasam tal-amministrazzjoni pubblika, id-difiża, l-edukazzjoni, is-saħħa tal-bniedem u l-ħidma soċjali rreġistra l-aktar rata baxxa ta' postijiet tax-xogħol vakanti (1.2 fil-mija) (Tabella nru 7).

Intrapriżi żgħar, li jħaddmu bejn 1 u 49 impjegat, urew rata ogħla ta' postijiet tax-xogħol vakanti – 5.3 fil-mija, li jissuġġerixxi domanda akbar għax-xogħol f'dan il-qasam. L-intrapriżi l-kbar, li jħaddmu 250 impjegat jew aktar, urew rata aktar baxxa ta' postijiet tax-xogħol vakanti – 1.1 fil-mija (Tabella nru 8).

Fit-tieni kwart tal-2026, is-settur privat irreġistra rata ta' 3.7 fil-mija ta' postijiet tax-xogħol vakanti. Min-naħa l-oħra, is-settur pubbliku rreġistra rata ta' 0.6 fil-mija tul l-istess perjodu (Tabella nru 9).

**Ċart nru 5. Ir-rata tal-postijiet tax-xogħol vakanti**

*b'rabta mar-rata tal-qgħad*




Nota: Ir-rata tal-qgħad tirreferi għall-għadd ta' nies qiegħda (minn 15 sa 74 sena) bħala persentaġġ tan-nies fis-suq tax-xogħol (minn 15 sa 74 sena). Ir-rati tal-qgħad huma meħudin mill-Istħarriġ dwar is-Suq tax-Xogħol (LFS).

Abbona għall-aħħar aħbarijiet

Is-Suq tax-Xogħol

Stqarrijiet tal-Aħbarijiet Oħra

L-Istħarriġ dwar is-Suq tax-Xogħol (LFS): K2/2026
L-Aċċidenti fuq ix-Xogħol: Jannar-Ġunju 2026
Ir-Rata tal-Qgħad: Lulju 2026
Il-Qgħad Irreġistrat: Lulju 2026
Ix-Xogħol Irreġistrat: Marzu 2026

Temi Oħra Relatati

Is-Saħħa

Għal mistoqsijiet ikkuntattja:
labourmarket.nso@gov.mt

Għal aktar data, jekk jogħġbok żur:
L-Indikaturi Magħżula